MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tad-29 ta' Dicembru, 2012

Numru. 1364/2012

**PULIZIJA**
**SPETTUR GODWIN SCERRI**
**VS**
**OMMISSIS**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Ommissis;

Talli nhar is- 27 ta’ Dicembru 2012 fil- hinijiet ta’ bejn l-10.30pm u l- 11.30pm, fil- gnien tal- Mall fil- Furjana, Malta;

1) Ikkaguna hsara volontarja, hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe diversi oggetti u hwejjeg, liema hsara tiskorri l- valur ta’ €1,164.69 ghad- dannu tal- Gvern ta’ Malta;

2) Akkuzat talli fl- istess data, hin u lok kisru volontarjament il- bon ordni u l- kwiet pubbliku;

Rat u ezaminat id-dokumenti ezebiti;

Semghet ix-xhieda;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f'din il-kawza, wara li l-Qorti taghtu zmien xieraq skont il-ligi sabiex jikkonsidra sew l-ammissjoni tieghu, u wara li l-Qorti wissietu bl-aktar mod solenni dwar il-konsekwenzi tal-istess ammissjoni tieghu;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

**Ikkonsidrat:**

Wara li rat l-Artikoli 37, 325(1)(a), 42 u 338 (dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti ssib lill- imputat hati u ghaldaqstant tilliberah bil- kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena ai terminu tal- Artikolu 22 tal- Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta' Malta.
Tordna lill-imputat ihallas is-somma ta' elf u erbgha w hamsin ewro u wiehed u ghoxrin centezmu (€1,054.21) fi zmien tlett (3) xhur ai terminu tal- Artikolu 24 tal- Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------